MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 223/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Rocco D'Alessandro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 13710 (A)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-11 t'Ottubru, 2011 bejn il-hin ta' 09.00 hrs u 12.00 hrs, rispettivament, gewwa l-Qorti ta' Malta fi Triq ir-Repubblika l-Belt, Valletta :

1. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, bi storbju, b'ghajjat u/jew glied;
2. ingurja u/jew hedded lil martu Josette D'Alessandro, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
3. ukoll talli fl-istess data, lok u hin kiser il-garanzija mahruga lilu mill-qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta' Mejju 2011 moghtija mill-Mgt. Dr. A.J. Vella LL.D fejn hu

intrabat b'obbligazzjoni li ma jimmolestax lil martu Josette D' Alessandro;
4. u aktar talli hu sar recediv b'sentenza tal-Qorti moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Mgt. Dr. A.J. Vella Ll.D datata 18 ta' Mejju 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' April, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(1)(e), 383, 387(1), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xaharejn detenzjoni.
Ordnat il-konfiska favur il-Gvern tal-ammont ta' elf Ewro (€1,000) moghtija bhala garanzija mill-appellant fit-18 ta' Mejju, 2011.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, u fl-eventwalita` li ma tilqax l-aggravji dwar il-htija, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena u minflok tordna li l-istess appellant jigi kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza u aktar xierqa li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi fl-ewwel lok l-appellant qed jissolleva n-nullita` tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Bir-rispett kollu din is-sentenza ma tirrispettax il-vot tal-ligi. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti tikkonsisti biss f'frazi wahda li taqra hekk : *"xaharejn detenzjoni, konfiska favur il-Gvern ta' €1,000 maghrufa bhala garanzija".*

Illi skont l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-Qorti taghti sentenza kontra l-imputat l-istess Qorti

ghandha 1) tghid dwar x'hiex l-akkuzat ikun gie misjub hati u 2) taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi f'dan il-kaz, bid-dovut rigward lejn l-Ewwel Qorti, hemm assenza totali ta' dawn il-formalitajiet rikjesti skont l-artikolu 382 surriferit. L-Ewwel Qorti ma qalitx dwar x'hiex l-appellant instab hati. Inoltre hemm assenza kompleta ta' indikazzjoni fis-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li ghalih l-appellant gie presumibbilment misjub hati. Dan hu nuqqas t' formalita` sostanzjali li jimporta n-nullita` bil-konsegwenti thassir tas-sentenza appellata.

Illi johrog b'mod car li l-Ewwel Qorti ma osservatx il-formalitajiet rikjesti mil-ligi ghal sentenza valida moghtija kontra l-appellant skont l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Karmenu Attard" moghtija fit-28 ta' April 1995, ikkonkludiet li tali nuqqasijiet f'sentenza tal-Qorti inferjuri jaghtu lok ghal dikjarazzjoni ta' nullita` tas-sentenza appellata, u smiegh tal-mertu ta' din il-kawza mill-Qorti Superjuri.

Illi f'dan il-kaz l-appellant qed jassumi illi nstab hati mill-Ewwel Qorti peress li din l-istess Qorti naqset milli tindika fuq liema akkuza qed issib htija o meno.

2) Bla pregudizzju ghas-suespost, u subordinatament ghall-istess, jinghad ukoll illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex ragunijiet ghala ssib il-htija fuq ebda wahda mill-akkuzi. In effetti l-provi li ngiebu quddiem l-Ewwel Qorti kienu tali li kellhom iwasslu ghall-liberazzjoni tal-appellant, u mhux ghas-sejbien ta' htija.

Illi fis-seduta tat-23 ta' April, 2012, il-parte civile xehdet that gurament li l-appellant qalilha kliem bhal "qahba" barra l-Awla tal-Qorti. Apparti li dan hu ghal kollox kontestat mill-appellant, Josette D'Alessandro naqset milli tghid illi kienet hi li istigat l-episodju bid-diskors ingurjuz u provokatorju li bdiet tlissen, minghajr ebda raguni, fil-konfront tal-appellant, meta ripetutament qaltlu li huwa

“kornut”. Il-karattur provokattiv ta’ Josette D’Alessandro sahansitra hareg b’mod car quddiem l-Ewwel Qorti b’mod partikolari waqt li l-appellant kien qieghed fuq il-pedana tax-xhieda.

Subordinatament ghal dak li nghad, u jekk din il-Qorti temmen il-verzjoni tal-parte civile, jinghad li f’kull kaz, dak li allegatament qal l-appellant certament ma jikkonsistix f’theddid izda sempliciment f’kompensazzjoni ghad-diskors ingurjuz li hu kien ghadu kif issubixxa, u gie hekk provokat. Jekk wiehed kellu jabbracca l-verzjoni tal-parte civile, lanqas ma jista` wiehed jghid illi l-appellant b’xi mod hareg mil-limiti tal-provokazzjoni.

Illi se mai u fl-aghar ipotezi ghall-appellant, il-kliem baxx tlissen miz-zewg nahat, u specifikament fuq provokazzjoni ta’ Josette D’Alessandro, bl-isfortuna li mart l-appellant mill-ewwel tmur tigri tirraporta l-Ghassa tal-Pulizija filwaqt li l-appellant m’ghamilx hekk. L-appellant seta` facilment jaghmel l-istess u kienu jinhargu l-istess akkuzi fil-konfront ta’ martu izda naqas milli jaghmel dan ghas-semplici fatt li ghandu tifel minuri flimkien mal-parte civile li qed jiehu hsiebu wahdu, billi hu gie fdat bil-kura u kustodja tal-istess minuri, u ghaldaqstant jevita kemm jista` li jkollu jattendi l-Qorti.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija bir-rispett kollu wahda eccessiva. Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi l-artikolu iccitat fic-citazzjoni ghar-rigward tar-raba` akkuza u cioe` dik tar-recediva huwa zbaljat, minkejja li hu accettat li fic-citazzjoni l-prosekuzzjoni ma hix tenuta tindika l-artikoli tal-ligi. In effetti l-artikolu 50 tal-Kap. 9 jitkellem dwar l-effett tar-recediva f’delitt, mentri fil-kaz tal-appellant is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta’ Mejju, 2011 li biha qed jigi akkuzat li sar recediv ma tirrigwardax delitt, izda kontravvenzjoni that l-istess artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Ghelhekk se mai japplika l-artikolu 53 tal-Kap. 9, liema artikolu jittratta l-effetti tar-recediva fil-kaz ta’ kontravvenzjonijiet.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak appena sollevat, l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti kienet harxa wisq fl-ghoti tal-piena, anke jekk wiehed jassumi illi r-recediva giet applikata fil-konfront tal-appellant. L-Ewwel Qorti applikat il-piena massima li tista` tigi mposta skont l-artikolu 53 u cioe` dik ta' xahrejn detenzjoni. L-istess artikolu jipprovdi wkoll ghall-imposizzjoni ta' multa bhala piena alternattiva ghal dik karcerarja. Certament li f'dan il-kaz partikolari l-imposizzjoni ta' multa kienet tkun aktar idoneja. Xahrejn detenzjoni ghal kelma konsegwenti ghal provokazzjoni minn naha tal-parte civile hi piena eccessiva, fl-assjem tac-cirkostanzi.

Il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid. Fil-qosor mix-xhieda jirriżulta dan li ġej:

Mill-affidavit ta' PS 206 B.Aquilina, Josette D'Alessandro kienet għamlet rapport li l-appellant kien inġurja u hedded lil Josette D'Alessandro ġewwa l-Qorti tal-familja fejnhuwa qal kliem bħal 'qaħba' u 'Mur ------'.

Skont Josette D'Alessandro, waqt seduta tas-separazzjoni tagħha u tal-appellant, l-appellant qalilha li hi 'qaħba' u li qegħda mal-avukat, li serqitlu ħmistax-il elf Ewro, li jmorru jħabbtulu u jsaqsuh 'Fejn hi dik tat-twenty Euros?'. Fl-aħħar beżqilha u telaq.

Fil-kontro-eżami hija ċaħdet li għajritu lura.

Xehed ukoll Dr Ludvic Caruana li qal li sema' lill-appellant jgħid lil martu 'inti qaħba u inti sraqtli ħmistax-il elf Ewro.' Beda jgħid ukoll li x-xhud qiegħed magħha u li hi kienet tieħu għoxrin Ewro biex tagħmel ċerta affarijiet. Kien qalilha wkoll biex tmur ------- l-Gżira u beżaq. Dr.Galea kien ipprova jikkalma s-sitwazzjoni. Imbagħad kien eskortat 'l isfel. Huwa kien qal lil mart l-appellant beix ma titkellimx.

Xehed ukoll l-appellant Roco D'Alessandro li qal li martu għajritu 'kornut.' Għalhekk hu kien għajjarha 'qaħba.'

Fil-kontro-eżami huwa qal li dejjem  kienet martu li pprovokatu.

Ikkonsidrat

Li l-ewwel aggravju tal-appellant hu li s-sentenza hija nulla għaliex m'għandhiex l-elementi li jitlob l-artikolu 382 tal-Kap 9 għaliex mhux imniżżla l-artikoli u l-Qorti ma indikatx ta' liema fatti sabitu ħati.

Il-Qorti rat kemm is-sentenza miktuba fuq iċ-ċitazzjoni kif ukoll dik dattilografata.  F'din tal-aħħar jidhru l-artikoli kollha u għalhekk dan l-element jinsab fis-sentenza.

Għal dawk li huma fatti, ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati ma lliberatx minn lill-appellant minn xi imputazzjoni, jirriżulta, mingħajr ebda dubju,  kemm mis-sentenza miktuba bl-idejn kif ukoll minn dik dattilografata li l-appellant instab ħati tal-imputazzjonijiet kollha.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu li jindika r-reċidiva, ġurisprudenza kostanti dejjem qalet li indikazzjoni ħażina tal-artikolu tal-piena ma ġġib ebda nullita'.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Għal dak li huma fatti jirriżulta li l-appellant kien eskortat 'l isfel fil-Qorti wara li Dr.Galea pprova jikkalma s-sitwazzjoni.

Minħabba li l-ewwel imputazzjoni hija kusr volontarju tal-bon-ordni jew tal-paċi pubblika, il-Qorti qed tirreferi għas-sentenza 'Il-Pulizija versus Michael Camilleri et' tas-27 ta' Frar 2008 tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill-Imħallef Dr.David Scicluna.  F'dik is-sentenza nsibu dan li ġej dwar in-natura ta' din il-kontravenzjoni.

'Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Paul Busuttil' deciz fit-23 ta' Gunju 1994:

“Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliża kien jissejjah ‘a breach of the peace’. Din l-ekwiparazzjoni ta’ dana r-reat mal-kunċett Ingliz ta’ ‘a breach of the peace’ tirrisali għal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f’kawza deciza minnu fl-10 ta’ Gunju, 1890, fl-ismijiet ‘Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.,’ kien qal hekk:

‘Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all’autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell’ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato’(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).1 Vol. LXXVIII.v.277.

A skans ta’ ħafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat ‘Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order’ pubblikat fil-Vol. X ta’ The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u specjalment pagni 28 sa 31. B’zieda ma’ dak li hemm f’dak l-artikolu wiehed jista’ jghid li r-reat ta’ ‘breach of the peace’ fil-ligi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f’ammont żgħir hafna, ta’ allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom. ‘Scots Criminal Law’, Edinburgh, Butterworths, 1992):

‘The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be ‘alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace’. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused ‘concern’ on the part of policemen at whom it was directed’ (p.192).

Naturalment huwa kwazi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):

'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p.985, para. 41-01).

U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:
'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Spiteri deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta żiedet tgħid hekk:

"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoċi li l-kuncett ta' 'breach of the peace' kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom 'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet &
Maxwell, 1992), b'referenza għal-liġi Skoċċiża in materja:

'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is
considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the

scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).

Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:

'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that
it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said:

'…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-

inkolumita` fiżika ta’ persuna jew dwar l-inkolumita` ta’ proprjeta`, kemm b’rizultat dirett ta’ dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta’ reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.’

Il-Qorti kkwotat minn din is-sentenza ‘in extenso’ għaliex l-ispjegazzjoni mogħtija tista’ tgħin biex il-Prosekuzzjoni tkun tista’ tiddeċiedi aħjar meta għandha tagħti din l-imputazzjoni u meta le.

Minn dan il-każ jirriżulta li l-prinċipju li Qorti għandha ssegwi biex tar jekk kienx hemm ksur tal-ordni pubbliku huwa jekk mill-atti jirriżultax  xi għemil volontarju  li minnu nnifsu jnissel xi minimu ta’ inkwiet jew tħassib f’moħħ persuna dwar l-inkolumita’ fiżika ta’ persuna jew proprjeta’.

Mill-provi l-Qorti ma tarax li jirriżulta dan il-biża’ u għalhekk qed tiddeċiedi li l-appellant ma hux ħati ta’ din l-imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni hija li huwa inġurja jew hedded lil martu. L-ewwelnett wieħed irid jifhem xi tfisser il-klema ‘theddid’. Skont ma ntqal fis-sentenza ‘Il-Pulizija vs Joseph Frendo’ fil-Qorti tal-Appell Kriminali (7 ta’ Lulju 1995):

‘Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, ‘theddid’ tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (liema ħsara ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band’oħra fil-Kodiċi) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta’ tal-istess aġent.’

Jekk wieħed jimxi ma’ din id-definizzjoni, minn imkien ma jirriżulta li sar xi theddid.

Iżda min-naħa l-oħra mill-provi jirriżulta li qal ċertu kliem li jista’ jitqies bħala inġurjuż meta speċjalment l-appellant qal li martu kienet qed tmur mal-avukat kif ukoll li kienet tmur tagħmel xi atti għal għoxrin Ewro.   Dawn l-inġurji

huma differenti minn dawk li jidhru fis-sentenza ‘Il-Pulizija vs Paul Attard’ tas-27 ta’ Settembru, 2007. L-appellant qal li lilu għajritu ‘kornut’ u kien għalhekk li huwa rreaġixxa b’dan il-mod. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-appellant għamel żewġ referenzi **speċifiċi** qawwija. Għalhekk huwa ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u ma tistax tqis li dawn huma ‘inġurji kompensabbli.’

Għalhekk qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni limitatament għal dik il-parti tagħha dwar l-inġurji.

Dwar it-tielet imputazzjoni jirriżulta mill-atti li fit-18 ta’ Mejju 2011, il-Qorti tal-Maġistrati kienet rabtet lill-appellant b’obbligazzjoni għal żmien sena biex ‘ma jimmolestax lil martu.’ . Il-kontravenzjoni li tagħha nstab ħati l-appellant seħħet f’anqas minn ħames xhur wara li l-appellant intrabat b’din l-obbligazzjoni. U seħħet ġewwa l-Qorti meta suppost wieħed iġib ruħu aħjar.

Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tat-tielet imputazzjoni.

Dwar il-ħames imputazzjoni, dik tar-reċidiva, fil-proċess hemm is-sentenza tat-18 ta’ Mejju 2011 (fol 20) li kien każ ta’ kontravenzjoni u l-appellant intrabat għal sena li ma jimmolestax lil martu. Hemm ukoll sentenza tat-18 ta’ Mejju 2011 fejn l-appellant ingħata piena ta’ xahar priġunerija sospiża għal tliet snin. Iż-żewġ każi kienu ammissjonijiet u fiż-żewġ każi hemm jidher l-istess ID card number tal-appellant. L-ID card number tal-appellant huwa biżżejjed biex ikun identifikat. Dwar is-sentenza a fol 22, tnejn mill-imputazzjonijiet huma reati waqt li l-ewwel imputazzjoni hija kontravenzjoni.

Għal dik li hija reċidiva l-artikolu 53 – li għandu x’jaqsam mar-reċidiva tal-kontravenzjonijiet – persuna trid tkun għamlet kontravenzjoni fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tistkonta l-piena.
L-artikolu 50 jitkellem dwar delitti u f’din iċ-ċitazzjoni ma kienx hemm delitti.

Minħabba li l-kontravenzjoni fiċ-ċitazzjoni preżenti seħħet aktar minn tliet xhur wara li ngħatat is-sentenza a fol 20, u

minħabba li fiċ-ċitazzjoni tal-lum m'hemmx 'delitti', allura, din ir-raba' imputazzjoni dwar ir-reċidiva ma ġietx ppruvata u l-Qorti qed tilliberah minnha.

**Konklużjoni.**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju, qed tilqa' t-tieni aggravju in parti biss, u konsegwentement qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-23 t'April, 2012 billi qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u fejn ikkundannat lill-appellant iħallas l-obbligazzjoni ta' elf Ewro (€1000) u qed tirriformaha fejn sabitu ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni u fejn ikkundannatu għal xahrejn detenzjoni u minflok qed tilliberah mill-ewwel u mir-raba' imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas ammenda ta' €58.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------